KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62

L-Erbgħa 21 ta’ Frar 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa’ fl-uffiċju amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 21 ta’ Frar 2024. Il-laqgħa bdiet fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dominic Grima | Sindku |
| | Darren Lynch | Viċi Sindku |
| | Ivan Bartolo | Kunsillier |
| | Rita Delezio | Kunsilliera |
| | Yvonne Arqueros | Kunsilliera |
| | Steven Axisa | Kunsillier (Onlajn) |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| **Assenti b’apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (S.E.) |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**62.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

62.01.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**62.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 61**

62.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 61 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Delezio tipproponi u l-Kunsilliera Arqueros tissekonda.

**62.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.03.01 Rigward il-proġetti s-Sindku nforma li x-xogħol fuq Ġnien Tony Bezzina miexi ġmielu u l-*iskate park* kważi lest. Rigward it-*tender* għal latrina pubblika huwa qal li kienu ntbagħatu l-*clarifications* u konna qed nistennew ir-risposti mingħand dawk li tefgħu l-offerta. Fir-rigward ta' Ġnien Silvio Parnis it-*tender* għandu joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa qal li bħalissa għaddejjin ukoll xogħlijiet mill-PWD fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Sant' Antnin, xogħlijiet fi Triq Valletta li finalment kienu waslu fl-aħħar ukoll kif ukoll ix-xogħlijiet fil-Pjazza li bdew ftit tal-ġranet ilu u x-xogħol miexi kif ippjanat u għandu jkun lest sal-aħħar tax-xahar.

62.03.02 Is-Sindku semma l-periklu li hemm fi Triq il-Foss. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ilu f'kuntatt mad-Dipt. tal-Artijiet għal diversi xhur u intbgħatu anke *emails* b'diversi ritratti

62.03.03 Is-Sindku semma wkoll dwar vetturi li qed jieqfu quddiem ħanut partikolari f'Telgħa Raħal Ġdid fejn qed jipparkjaw fuq id-*Double Yellow Lines* kif ukoll *double* u *tripple* parking. Huwa qal li dan mhux aċċettabbli għax anke qed jingħalaq l-aċċess għar-residenti u bħala Kunsill infurmajna lill-pulizija, LESA u anke TM għal diversi drabi u konna ser nerġgħu niktbu sabiex dan l-abbuż jiġi eliminat.

**62.04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

62.04.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-funtani li hemm fil-Pjazza humiex ser ikunu nkorporati max-xogħlijiet li qed isiru bħalissa kif ukoll jekk hemmx ħsieb li jsiru *sleeping policemen* sabiex jiġi evitat sewqan żejjed. Is-Sindku spjega li għalissa rigward il-Pjazza kull ma sar kien li tneħħa l-periklu li kien hemm u li aktar il-quddiem għandu jitkompla x-xogħol.

62.04.02 Il-Viċi Sindku staqsa jekk is-siġra taż-żebbuġ fi Triq Ninu Cremona kienitx ser tinżabar u s-Sindku nforma li din kienet inżabret.

62.04.03 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li ssir *Sleeping Policeman* fi Triq is-Sultana. Is-Sindku nforma li konna tlabna l-permess lil-Transport Malta (TM) sabiex isiru numru ta' *Sleeping Policemen* però wara li tinħareġ l-approvazzjoni ta' TM, konna

ser nikkonsultaw mar-residenti sabiex ikun żgurat li dawn iriduhom wara djarhom.

62.04.04 Il-Viċi Sindku irrimarka li hemm problema b'numru ta' bozoz maqtugħa u qal li għalkemm is-SE kien spjegalu għaliex dawn ma kienux għadhom issewwew, talab li l-pubbliku jkun mgħarraf dwar il-problema. Is-Sindku spjega li l-problema hija f'bozoz magħrufa bħala *central hanging* u peress li *spare parts* ghal dawk eżistenti ma għadhomx isiru, kellna nagħmlu ordni għal bozoz kompletament ġodda.

62.04.05 Il-Viċi Sindku staqsa għaliex ix-xogħol fuq ċint fi Pjazza Sant 'Antnin ma tkomplix. Is-Sindku spjega li sfortunatament ix-xogħol kien miexi bil-mod però kien reġa' kellem il-Ministeru dwaru. Rigward iċ-ċint huwa qal li dak irid jitranġa minn Infrastruttura Malta (IM) u li meta jissewwa, kien ser isir wkoll *railing*.

62.04.06 Il-Viċi Sindku staqsa kienx hemm *update* dwar ir-*Risk Assessment* tas-Suq. Is-SE nforma li min kien ser jaghmel ir-*Risk Assessment* kien staqsa dwar il-granet li fih kellu jsir dan ir-*Risk Assessment* u ġie deċiż li dan isir fil-ġranet kollha li jarma s-suq.

62.04.07 Il-Viċi Sindku talab *update* dwar il-*Master Plan* tat-Traffiku. Is-Sindku nforma li kopja ta' dan il-*Master Plan* kienet inghatat lill-Ministru li dak iż-żmien kien responsabbli minn IM u fil-ġranet li ġejjin kien ser jiġi ppreżentat lill-Ministru preżenti. Is-Sindku spjega li huwa mportanti ħafna għar-raħal li dan il-*Master Plan* jiġi approvat għaliex bih kien user igawdu kemm ir-residenti kif ukoll in-negozjanti. Rigward l-iskema tal-Parkeġġ għar-Residenti s-Sindku qal li applikazzjonijiet ġodda kienu twaqqfu fl-2013 u li kien qed jispera li t-talba tagħna tintlaqa' bħala parti mill-*Master Plan*.

62.04.08 Il-Kunsillier Bartolo staqsa jekk il-Kunsill jistax ikun innovattiv u jinvesti f'sistema ta' *street lighting* b'enerġija solari. Is-Sindku nforma li l-ħsieb tal-Enemalta huwa li l-bozoz kollha jinqalbu għal-LED u dan bi qbil mal-kuntratturi li jużaw il-Kunsilli Lokali.

62.04.09 Il-Kunsillier Bartolo staqsa jekk issa li tneħħa l-periklu fil-Pjazza, hemmx il-ħsieb li tiżdied il-ħdura permezz ta' siġar u pjanti sabiex inżommu mal-pjanijiet oriġinali. Is-Sindku wieġeb li hemm il-ħsieb li fi pjanti ġodda jiżdiedu s-siġar u l-pjanti.

62.05.10 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-karozza tal-kiri li qed tintuża mis-Sindku u xi ħsibijiet hemm għall-futur. Is-Sindku wieġeb li filwaqt li din il-kirja hemm kollox *above board*, huwa qal li rridu niċċekkjaw il-kuntratt oriġinali dwar x'jiġri meta jispiċċa l-kuntratt eżistenti, eżempji jekk il-Kunsill ikunx jista' jixtri din il-karozza.

62.05.11 Il-Kunsilliera Delezio ikkummentat id-dewmien fit-tlestija ta’ Triq Valletta. Is-Sindku nforma li f’din it-triq kellu jinbidel il-main tal-ilma kif ukoll is-servizz tad-djar, inbidel il-*main* tad-drenaġġ. Huwa semma wkoll li hemm 2 *cables* tal-elettriku (*Low* u *High tension*) li kellhom jinbidlu. Barra minn dan huwa qal li għaddejjin il-pajpijiet tal-pompa tad-drenaġġ tal-Marsa li anke dawn kellhom jinbidlu. Finalment huwa qal li fl-aħħar għaddew iktar *cables* tal-Enemalta sabiex tissaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Huwa qal li issa x-xogħlijiet waslu fl-aħħar u huwa ttamat li sal-aħħar tax-xahar it-triq tkun lesta.

62.05.12 Il-Kunsilliera Delezio talbet dettalji dwar dik il-faċċata tad-dar li waqgħet il-bieraħ. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur imblokka minn Triq Ninu Cremona sa Triq l-Arkata mingħajr ma’ kellu l-permess tal-Kunsill. Li ġara kien li l-kuntrattur waqqa’ minn barra għall-ġewwa u marru uffiċċjali tal-LESA u l-pulizija u l-kuntrattur weħel multi kbar mill-*Building & Construction Authority*

62.05.13 Il-Kunsilliera Delezio, filwaqt li kkumentat pożittivament dwar ix-xogħlijiet li saru fi Triq it-Tramuntana, hija qalet li nqalgħu xi *Dog Bins* u railings li ma reġgħux twaħħlu lura. Is-Sindku nforma li d-*Dog Bins* kienu ordnati filwaqt li r-*railing* ser jerġa jsir minn ħaddiema professjonali.

62.05.14 Il-Kunsilliera Delezio talbet sabiex tingħalaq il-funtana ta’ Pjazza Sant’ Ubaldeska. Is-Sindku nforma li hemm il-ħsieb li din tingħalaq.

62.05.15 Il-Kunsilliera Arqueros issuġġeriet li jinxtara ikel għall-qtates. Dwar dan kien hemm qbil.

62.05.16 Il-Kunsilliera Arqueros issuġġeriet li jsiru *sleeping policemen* fi niżla ta’ Palumbo.

62.05.17 Il-Kunsilliera Arqueros fakkret sabiex tintbagħat ittra lill-Membri Parlamentari dwar il-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku nforma li l-Kunsill huwa b’idejh marbuta fuq dan is-suġġett iżda kien hemm qbil li bħal ma kien hemm qbil fl-aħħar laqgħa, għandha tintbagħat ittra lid-DLG dwar dan is-suġġett.

62.05.18 Il-Kunsilliera Arqueros ilmentat dwar il-fatt li qabel jgħaddi l-iscammel, il-ħaddiema qed jiġu xi sagħtejn qabel u jrekknu l-iskart fil-kantunieri. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ilu mill-bidu jikteb dwar id-diversi nuqqasijiet u anke tlabna laqgħat u konna ser inkomplu nsegwu.

62.05.19 Il-Kunsilliera Arqueros ilmentat dwar il-fatt li l-knis madwar ir-raħal jidher li naqas. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma jistax jibqa’ jaċċetta li jrid ikun hu li jfakkar lill-kuntrattur dwar ix-xogħol li jrid jagħmel.

***Il-Kunsillier Axisa ħalla l-laqgħa fil-5:15 pm minħabba mpenji personali.***

62.05.20 Il-Kunsillier Camilleri talab għal *update* fuq l-*iStudent Area Scheme*. Ġie deċiż li nkellmu lill-Perit tal-Kunsill sabiex naraw fiex wasalna.

62.05.21 Il-Kunsillier Camilleri dwar *sleeping policemen* fi Triq il-Kalkara. Is-Sindku nforma li din ser issir iżda konna qed nistennew li niffirmaw il-kuntratt il-ġdid tat-tabelli u sinjali tat-toroq.

62.05.22 Il-Kunsillier Camilleri talab *update* dwar l-applikazzjoni għall-fondi mill-LESA. Is-Sindku spjega li bħala Kunsill konna applikajna għal-*upgrade* tal-Pjazza Santa Ubaldeska u t-toroq tal-madwar li jinvolvi fost l-oħrajn dwal u għamara tat-toroq ġodda kif ukoll li x-xelter li hemm fl-inħawi jkun jista' jinfetaħ sabiex ikun jista' jitgawda.

**62.05 Korrispondenza**

62.05.01 Is-SE nforma li kienu ħarġu l-iskemi li d-Diviżjoni għal Gvern Lokali toħroġ kull sena. L-iskema huma :

SPI/SCI/1/2024 - Servizz ta' Xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Ġie deċiż li napplikaw sabiex issir il-bitħa tal-flettijiet ta' Triq il-Knisja, Triq is-Sorijiet u Triq Ġuze D'Amato

SPI/SCI/2/2024 - Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u Inklussivi. Ġie deċiż li napplikaw sabiex Ġnien Silvio Parnis ikun iktar aċċessibbli.

SPI/SCI/3/2024 - Inizjattiva finanzjarja – lokalitajiet aktar nodfa. Ġie deċiż li napplikaw ghal *Clean Up The World 2024* bis-sit jintgħażel iktar il-quddiem.

SPI/SCI/4/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Ġie deċiż li napplikaw għal Ġnien Pawlu Boffa.

SPI/SCI/5/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025. Ġie deċiż li napplikaw għal attività Lejla f'Casal Paola, f'Ottubru.

**62.06 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2023**

62.06.01 Peress li kopja ta' dan id-dokument kien intbgħat lill-Kunsillieri mal-Minuti, huwa għadda biex ta' spjega dwar l-andament finanzjarju matul -sena li għaddiet fejn spjega li l-Kunsill għandu bażi finanzjarja soda fejn matul is-sena li għaddiet investa f'diversi proġetti li konsegwentement żiedu anke d-*depreciation*. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet minn dawk preżenti, l-*Financial Statements 2023* ġew approvati unanimament u s-Sindku u s-SE ġew awtorizzati sabiex jiffirmawhom u jibgħatuhom lill-awdituri.

**62.07 Tismija ta' Toroq Ġodda**

62.07.01 Is-Sindku spjega li kien hemm talba sabiex triq li hemm viċin Vjal Santa Luċija tingħata isem ieħor. Huwa spjega li wara li kellna talba sabiex triq partikolari tingħata isem ieħor, kien qed jissuġġerixxi li dan l-isem jingħata lil din it-triq partikolari. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

KUNSILL LOKALI PAOLA

**62.08 Rapporti**

62.08.01 Is-SE tkellem dwar il-*Quarterly Financial Report (Q4)* li kopja tiegħu kienet intbgħatet lill-Kunsillieri mal-Minuti. Huwa qal li bażikament dan ir-rapport ikun ibbazat fuq il-*Financial Statements* li ġew approvati ftit qabel u għalhekk peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, anke dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**62.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 62**

62.09.01 L-iskeda ta' Pagamenti numru 62 ġiet approvata unanimament. Ġew approvati wkoll numru ta' pagamenti relatati ma' Ġnien Tony Bezzina li ma kienux laħqu ġew inklużi mal-lista li ngħatat lill-Kunsillieri.

**62.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-5:55 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024 fl-4:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Dominic Grima**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |